MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 97/2010

**Public Broadcasting Services Limited (C13140)**

**vs**

**Favell Wines & Spirits Limited (C37343)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta’ Marzu 2010, permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ erbat elef tmien mija sebgha u disghin Euro (€4,897) rapprezentanti bilanc fuq ammont dovut ghal servizzi rezi lilha flimkien ma’ l-imghax mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura u dawk tal-ittra nterpellatorja tat-tnejn w ghoxrin (22) ta’ Setttembru 2008 kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ingunta in subizzjoni..

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxal Reno Spiteri datata sbatax (17) t'April 2010 a fol. 5 tal-process.

Illi fis-seduta tal-wiehed u tletin (31) ta' Mejju 2010 deher Dr Anthony Cutajar ghas-socjeta' konvenuta u pprezenta nota t'ammissjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat in-nota tas-socjeta' konvenuta, ssib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef tmien mija sebgha u disghin Euro (€4,897) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------